MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1686/2003

**Andrew Abela**

**Vs**

**Ahmet Ciplak**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,493.30c (elf, erba' mija u tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fil-31 ta' Mejju, 2003 gewwa Main Street, St Julians bejn vettura (xarabank) bin-numru ACY 903 misjuqa minn Gianni Buttigieg u vettura Hyundai Pony bin-numru IAS 591 misjuqa mill-konvenut.
Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut u dan minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, negligenza u mperizja.

Illi minkejja diversi nterpellanzi mill-attur, il-konvenut baqa' nadempjenti.

Bl-imghax mid-data ta' l-incident, cjoe' l-31 ta' Mejju, 2003 u bl-ispejjez.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------